



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 31.10.2011
KUMM(2011) 694 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

**Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea
Rapport Annwali 2010**

WERREJ

1.	Daħla	3
2.	Applikazzjonijiet pendenti mill-2009	3
3.	Applikazzjonijiet ġodda li waslu fl-2010.....	6
4.	Il-Finanzjament	12
5.	Il-Monitoraġġ	13
6.	L-Għeluq	14
7.	Il-Konklużjonijiet.....	15
Anness 1: Limiti minimi għal diżastri kbar applikabbli fl-2010 (ibbażati fuq iċ-ċifri tal-2008 għad-Dħul Nazzjonali Gross).....		17
Anness 2: Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea Applikazzjonijiet Pendenti mill-2009 u Applikazzjonijiet Ġodda deċiżi fl-2010		19
Anness 3: L-applikazzjonijiet għall-Fond ta' Solidarjetà tal-UE mill-2002 'il hawn		22

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea Rapport Annwali 2010

1. DAĦLA

Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) twaqqaf fil-15 ta' Novembru 2002¹. L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem – “Ir-Regolament”) jistipula li għandu jiġi ppreżentat rapport dwar l-attività tal-Fond matul is-sena ta' qabel lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport jippreżenta l-attivitajiet tal-Fond fl-2010 u jkopri, bħal fir-rapporti preċedenti, il-ġestjoni ta' applikazzjonijiet pendenti u ġodda u l-valutazzjoni tar-rapporti ta' implimentazzjoni bil-ħsieb li dawn jitħejjew biex jingħalqu.

L-2010 kienet l-aktar sena li fiha kien hemm xogħol għall-Fond ta' Solidarjetà f'termini ta' numru ta' applikazzjonijiet riċevuti. Matul is-sena ġew sottomessi total ta' 17-il applikazzjoni ġdida għal għajjnuna finanzjarja mill-Fond ta' Solidarjetà, lill-Kummissjoni. Dawn l-applikazzjonijiet kollha kienu jikkonċernaw diżastri ta' għargħar. Il-maġġoranza ta' dawn il-każijiet ġew sottomessi biss fit-tieni nofs tas-sena u għal 6 applikazzjonijiet il-valutazzjoni u l-proċedura tal-adozzjoni kienu għadhom għaddejjin sal-aħħar tal-2010. Matul l-2010 il-Kummissjoni aċċettat disa' mill-applikazzjonijiet u ddeċidiet li l-kondizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ma kinux sodisfatti fil-każ ta' ħames applikazzjonijiet oħra. B'kollox il-Kummissjoni pproponiet għajjnuna li tammonta għal EUR 262,303 miljun li sussegwentement ġiet approvata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.²

2. APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI MILL-2009

Il-Greċja (nirien fil-foresti f'Attica)

Mill-21 ta' Awwissu 2009 'il quddiem, ir-reġjun ta' Attica fil-Greċja soffra ħsara fl-infrastruttura, djar u uċuħ tar-raba' minn nirien li nfirxu mar-reġjun minħabba irjieħ qawwija. Fis-27 ta' Ottubru 2009, fi żmien il-perjodu ta' 10 ġimgħat mid-data tal-ewwel dannu kkawżat mid-diżastru imposti mir-Regolament biex isiru l-applikazzjonijiet, l-awtoritajiet Griegi sottomettew applikazzjoni għal għajjnuna finanzjarja mill-Fond ta' Solidarjetà tal-UE.

L-awtoritajiet Griegi stmaw il-ħsara diretta kkawżata min-nirien għal EUR 152,774 miljun. Dan l-ammont jirrappreżenta 0,07% tad-DNG Grieg li huwa ta' EUR 221,672 biljun (bbażat fuq id-dejta tal-2007), jiġifieri biss 11% tal-limitu

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002, ĠU L 311/3 tal-14.11.2002

² Il-maġġoranza ta' dawn l-għotjiet setgħu jitħallsu biss fl-2011 wara l-iffirmar tal-ftehimiet ta' implimentazzjoni korrispondenti mal-pajjiżi benefiċjarji.

minimu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond għall-Greċja³. Minħabba li d-dannu totali baqa' taħt il-limitu, l-applikazzjoni ġiet eżaminata skont il-kriterji eċċezzjonali għal "diżastri reġjonali straordinarji".

Waħda mill-kondizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni eċċezzjonali tal-Fond taħt il-kriterji reġjonali hija li trid tkun affettwata maġġoranza tal-popolazzjoni li tgħix fiż-żona milquta mid-diżastru. Il-gvern Grieg ibbaża l-applikazzjoni tiegħu fuq ir-reġjun ta' Attica u rrapporta li 106 404 residenti kienu milquta min-nirien, minn popolazzjoni totali ta' fit anqas minn 3,8 miljun abitant fir-reġjun ta' Attica. Dawn jirrappreżentaw 2,8% tal-popolazzjoni tar-reġjun, jiġifieri ħafna inqas mill-maġġoranza. Barra minn hekk, filwaqt li d-diżastru kien ikkawża danni serji lokalment l-applikazzjoni ma ppreżentat ebda evidenza li tippermetti li wieħed jikkonkludi li r-reġjun se jsufri minn riperkussjonijiet serji u fit-tul għall-kondizzjonijiet tal-għajxien u tal-istabbiltà ekonomika tiegħu - li huma l-kondizzjonijiet l-oħra li wieħed irid jissodisfa (kumulattivament) sabiex diżastru jikkwalifika eċċezzjonalment bħala "diżastru reġjonali straordinarju".

Għaldaqstant, fit-28 ta' Mejju 2010 il-Kummissjoni ddeċidiet li l-applikazzjoni ma setgħetx tiġi aċċettata għaliex ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament għall-mobilizzazzjoni eċċezzjonali tal-Fond. L-awtoritajiet Griegi ġew infurmati b'dan.

Il-Greċja (L-għargħar f'Evia)

Fit-12 ta' Settembru 2009 ir-reġjun tal-Gżira ta' Evia fil-lvant tal-Greċja soffra ħsara fid-djar, l-infrastruttura u l-agrikoltura bħala riżultat tal-għargħar li segwew xita qalila fiż-żona. Fis-17 ta' Novembru 2009, fi żmien għaxar (10) ġimgħat wara l-bidu tad-diżastru, l-awtoritajiet Griegi ssottomettew applikazzjoni lill-Fond għal għajnuna finanzjarja.

L-awtoritajiet Griegi stmaw il-ħsara diretta kkawżata mill-għargħar għal EUR 82,233 miljun. Minħabba li kienu biss 6,26% tal-limitu minimu normali applikabbli għal Greċja għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà, l-applikazzjoni ġiet eżaminata taħt il-kriterji eċċezzjonali għal "diżastri reġjonali straordinarji".

Filwaqt li lokalment, l-għargħar kellhom effetti sinifikanti fir-reġjun ta' Evia, li rriżultaw fit-telf ta' ħajja waħda, telf ta' uċuħ tar-raba' u ħsara fin-netwerk tat-toroq reġjonali, l-applikazzjoni ma ppreżentat l-ebda evidenza ċara li l-maġġoranza tal-popolazzjoni fir-reġjun kienet ġiet affettwata. Barra minn hekk, l-applikazzjoni Griega naqset milli tagħti evidenza adegwata li turi li l-għargħar ikkawżaw riperkussjonijiet serji u fit-tul fuq il-kondizzjonijiet tal-għajxien u l-istabbiltà ekonomika tar-reġjun. Fit-28 ta' Mejju 2010, il-Kummissjoni għalhekk iddeċidiet li l-applikazzjoni ma ssodisfatx il-kondizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni eċċezzjonali tal-Fond u nfurmat lill-awtoritajiet Griegi li l-applikazzjoni tagħhom ma ġietx aċċettata.

³ Il-limitu għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà huwa definit bħala dannu li jaqbeż 0,6% tad-Dħul Nazzjonali Gross ta' pajjiż jew EUR 3 biljun fi prezzijiet tal-2002. Ħarsa ġenerali tal-limiti applikabbli fl-2010 hija ppreżentata fl-Anness 1.

Ċipru (maltempata)

Fit-18 ta' Settembru 2009, maltempata akkumpanjata minn għadd ta' trombi tar-riħ laqtu l-periferija ta' Nikosija. L-awtoritajiet Ċiprijotti ressqu applikazzjoni għal għajnunha mill-Fond ta' Solidarjetà fis-6 ta' Novembru 2009, madwar ġimagħtejn (2) qabel l-għeluq tal-perjodu ta' applikazzjoni ta' 10 ġimgħat.

L-awtoritajiet Ċiprijotti stmaw il-ħsara diretta kkawżata mid-diżastru għal EUR 2,609 miljun. Dan l-ammont jirrappreżenta inqas minn 3% tal-limitu minimu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond tas-Solidarjetà applikabbli għal Ċipru fl-2009 li huwa EUR 88,552 miljuni (jiġifieri 0,6% tad-DNG ibbażat fuq id-dejta tal-2007). Billi l-ħsara totali baqgħet taħt il-limitu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà, l-applikazzjoni ġiet eżaminata skont il-kriterji eċċezzjonali għal “diżastri reġjonali straordinarji”.

Wara li ġiet valutata l-applikazzjoni l-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li din ma kinitx tissodisfa l-kondizzjoni kif stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 2012/2002. Fil-fatt, l-applikazzjoni ma kien fiha ebda evidenza li tindika li l-parti l-kbira tal-popolazzjoni fir-reġjun li għalih tirreferi l-applikazzjoni kienet affettwata. Barra minn hekk, ma ġiet provduta ebda evidenza li turi li d-diżastru kkawża konsegwenzi serji u fit-tul fuq il-kondizzjonijiet tal-ġhajxien u l-istabbiltà ekonomika taż-żona affettwata. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni fis-6 ta' April 2010 ddeċidiet li l-applikazzjoni ma ssodisfatx il-kondizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni eċċezzjonali tal-Fond u informat lill-awtoritajiet Ċiprijotti b'dan.

L-Italja (Valangi ta' tajn u għargħar fi Sqallija)

Fl-1 ta' Ottubru 2009, maltempata laqtgħet lil Sqallija u affettwat partikolarment il-provinċja ta' Messina. Xita persistenti fiż-żoni kostali bejn Galati u Scaletta Zanclea kkawżat għadd ta' valangi tat-tajn u għargħar li bblukkaw xi meded ta' sistemi tat-toroq kif ukoll il-ferrovija u l-awtostradi ewlenin. L-awtoritajiet Sqallin irrappurtaw li kien hemm 31 mewt u 122 korriment bħala konsegwenza diretta tal-valangi tat-tajn u l-għargħar, u 2 019 ruħ ġew evakwati minn djarhom. L-awtoritajiet Taljani ressqu applikazzjoni għall-Fond ta' Solidarjetà fis-7 ta' Diċembru 2009, fi żmien il-perjodu ta' għaxar (10) ġimgħat li fih jiġu aċċettati l-applikazzjonijiet.

L-awtoritajiet Taljani stmaw id-dannu dirett għal EUR 598,94 miljun. Il-ħsara tirrappreżenta 17,62% tal-limitu minimu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà applikabbli għall-Italja fl-2009 li huwa EUR 3,399 biljun. Billi l-ħsara totali baqgħet taħt il-limitu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà, l-applikazzjoni ġiet eżaminata skont il-kriterji eċċezzjonali għal “diżastri reġjonali straordinarji”.

L-applikazzjoni kienet relatata mal-provinċja ta' Messina li għandha popolazzjoni totali ta' 622 450 (ċifri mill-2005). F'din il-provinċja, ġew affettwati direttament 14 576 persuna, jew biss 2,2% tal-popolazzjoni li jirrappreżentaw biss parti żgħira ħafna tal-popolazzjoni tal-provinċja li għaliha jappartjenu. Barra minn hekk, filwaqt li l-applikazzjoni wriet li d-diżastru kien ikkawża dannu serju lokalment, dan id-dannu kien limitat għal territorju żgħir b'numru relattivament żgħir ta' nies. Ma ġiet provduta l-ebda evidenza li turi li d-diżastru kkawża riperkussjonijiet serji u fit-tul

fuq l-istabbiltà ekonomika tar-reġjun. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni fit-8 ta' Ġunju 2010 ddeċidiet li l-applikazzjoni ma ssodisfatx il-kondizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni eċċezzjonali tal-Fond taħt il-kriterji għal diżastri reġjonali straordinarji u infurmat lill-awtoritajiet Taljani b'dan.

3. APPLIKAZZJONIJIET ĠODDA LI WASLU FL-2010

L-Irlanda (għargħar)

Mid-19 ta' Novembru 2009 'il quddiem, fl-Irlanda kien hemm għargħar kbar fi 15 mis-26 provinċji tagħha. L-għargħar ikkawżaw ħsara lill-infrastruttura pubblika inkluż toroq, ilma u faċilitajiet għall-ħażna tal-ilma kif ukoll ħafna dannu lid-djar u n-negozji. L-awtoritajiet Irlandiżi ressqu applikazzjoni għall-Fond fis-27 ta' Jannar 2010, fi żmien il-perjodu ta' għaxar (10) ġimgħat li fih jiġu aċċettati l-applikazzjonijiet. Informazzjoni ulterjuri li kienet meħtieġa biex titlesta l-valutazzjoni tal-applikazzjoni ġiet pprovduta fuq talba tal-Kummissjoni fil-15 ta' Ġunju 2010.

L-awtoritajiet Irlandiżi stmaw id-dannu dirett għal EUR 520,9 miljun, li jirrappreżentaw 0,33% tad-DNG u 55,68% tal-limitu minimu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà applikabbli għall-Irlanda fl-2010 li huwa EUR 935,456 miljun. Minħabba li d-dannu baqa' taħt il-limitu, l-applikazzjoni Irlandiża ġiet eżaminata skont il-kriterji eċċezzjonali għal "diżastri reġjonali straordinarji".

L-evidenza pprovduta mill-awtoritajiet Irlandiżi wriet li l-maġġoranza tal-popolazzjoni fiż-żona milquta mid-diżastru kienet affettwata bil-konsegwenzi tal-għargħar. Barra minn hekk, il-livell għoli ta' dannu lit-toroq u infrastruttura pubblika oħra u l-ħsara strutturali mifruxa lill-bini privat uriet adegwatament l-effetti fit-tul tad-diżastru fuq il-kondizzjonijiet tal-għajxien u l-istabbiltà ekonomika tar-reġjun milqut. Fl-14 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-applikazzjoni Irlandiża għandha tiġi aċċettata u pproponiet l-għoti ta' għajjnuna ta' EUR 13 022 500. Il-proċedura ta' emenda korrispondenti tal-baġit tlestiet mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-24 ta' Novembru 2010. Wara l-iffirmar tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni mal-Irlanda, il-Kummissjoni ħallset l-għotja fit-22 ta' Diċembru 2010.

L-Italja (Għargħar fit-Toscana)

Mill-25 ta' Diċembru 2009, xita qalila kkaġunat għargħar u valangi tal-ħamrija tul il-kors tax-xmara Serchio fil-punent tat-Toscana, li affettwat 27 muniċipalità fil-Provinċja ta' Lucca u muniċipalità waħda fil-Provinċja ta' Pisa. Fl-4 ta' Marzu 2010, fi żmien għaxar (10) ġimgħat mill-bidu tal-għargħar, l-awtoritajiet Taljani ressqu applikazzjoni għall-Fond ta' Solidarjetà.

Skont l-awtoritajiet Taljani, il-ħsara totali diretta kkawżata mill-għargħar ammontat għal EUR 211,701 miljun. Din iċ-ċifra tirrappreżenta 0,02% tad-DNG tal-Italja, u biss 6,11% tal-limitu minimu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà

applikabbli għall-Italja li kien EUR 3,467 biljun fl-2010. Għalhekk, l-applikazzjoni ġiet eżaminata skont il-kriterji eċċezzjonali għal "diżastri reġjonali straordinarji".

L-applikazzjoni wriet li lokalment, l-għargħar ikkawżaw tfixkil fir-reġjun madwar ix-xmara Serchio, b'dannu lit-toroq, l-infrastruttura tal-ilma u s-servizzi pubbliċi kif ukoll bini privat u proprjetajiet oħra. Madanakollu, 1% biss tal-popolazzjoni lokali kienu milquta direttament mill-għargħar u l-awtoritajiet Taljani ma wrewx fl-applikazzjoni tagħhom li l-għargħar se jkollhom riperkussjonijiet serji u dewwiema fuq l-istabbiltà ekonomika fir-reġjun. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni fit-8 ta' Ġunju 2010 ddeċidiet li l-applikazzjoni ma ssodisfatx il-kondizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni eċċezzjonali tal-Fond u informat lill-awtoritajiet Taljani b'dan.

Spanja (Għargħar f'Andalucía)

L-Andalucía ġarrbet għargħar li bdew fid-9 ta' Frar 2010 wara perjodu twil ta' xita qawwija. L-awtoritajiet Spanjoli sottomettew applikazzjoni għall-ghajjnuna mill-Fond ta' Solidarjetà fid-19 ta' April 2010.

Ġiet rapportata ħsara ta' EUR 709,74 miljun, li tirrappreżenta 20,47% tal-limitu minimu normali ta' EUR 3,467 biljun applikabbli għal Spanja għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà. Madankollu, wara valutazzjoni tal-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm ħsara kkawżata mill-għarar mhux rappurtata f'Diċembru 2009 u Jannar 2010 li saret mill-istess fenomenu meteoroloġiku. Il-perjodu ta' 10 ġimgħat biex titressaq applikazzjoni mid-data tal-ewwel ħsara kkawżata mid-diżastru għalhekk ma kinitx rispettata. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Spanjoli ma pprovdewx biżżejjed evidenza li tippermetti valutazzjoni sħiħa tal-każ taħt il-kriterji eċċezzjonali għal "diżastri reġjonali straordinarji". Għalhekk il-Kummissjoni ddeċidiet fil-5 ta' Ottubru 2010 li l-kondizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni eċċezzjonali tal-Fond ta' Solidarjetà ma ntalhqx u infurmat lill-awtoritajiet Spanjoli b'dan.

Il-Portugall (Għargħar f'Madeira)

Fl-20 ta' Frar 2010, il-Gżejjer Portugiżi ta' Madeira u Porto Santo kienu milquta minn għargħar qawwija li rriżultaw fl-imwiet ta' 42 persuna u kkawżaw ħsara kbira f'partijiet tal-infrastruttura tal-gżejjer, bini pubbliku u privat, lill-biedja u lin-negozji.

Il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni għal ghajjnuna mill-Fond ta' Solidarjetà mill-awtoritajiet Portugiżi fl-20 ta' April 2010, xi ġimagħtejn qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' 10 ġimgħat biex isiru l-applikazzjonijiet. Informazzjoni ulterjuri li kienet meħtieġa biex titlesta l-valutazzjoni tal-applikazzjoni waslet fuq talba tal-Kummissjoni fil-15 ta' Lulju 2010. L-awtoritajiet Portugiżi stmaw li l-ħsara diretta totali kkawżata mill-għargħar kienet ta' EUR 1,080 biljun. Iċ-ċifra tirrappreżenta 112,69% tal-limitu minimu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà applikabbli għall-Portugall fl-2010 ta' EUR 958,406 miljun. Għalhekk id-diżastru kkwalifika bħala "diżastru maġġuri naturali" skont it-termini tar-Regolament tal-Fond ta' Solidarjetà. Matul l-avvenimenti devastanti, saret ħsara lil 153 pont, 400 dar ġew kompletament distrutti jew sofrew ħsara strutturali serja filwaqt li x-xatt ta' Funchal għandu bżonn rikostruzzjoni sinifikanti. Għalhekk fid-29 ta' Settembru 2010 l-Kummissjoni kkonkludiet li l-applikazzjoni ssodisfat il-kondizzjonijiet għall-

mobilizzazzjoni tal-Fond u proponiet għotja ta' EUR 31 255 790 lill-Portugall. Il-proċedura ta' emenda korrispondenti tal-baġit ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-15 ta' Diċembru 2010. Wara l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni mal-Portugall il-Kummissjoni ħallset l-għotja fil-5 ta' April 2011.

Franza – (Il-Maltempata Xynthia)

Fis-27 u 28 ta' Frar 2010, maltempata tax-xitwa laqtet kważi t-territorju kontinentali kollu ta' Franza. Hija kkawżat ħsarat kbar, partikolarment fil-kosta tal-punent ta' Franza fejn ġew megħluba d-difiżi kontra l-baħar. L-awtoritajiet Franċiżi ppreżentaw applikazzjoni għal għajjnuna mill-Fond ta' Solidarjetà fis-7 ta' Mejju 2010, fi żmien l-iskadenza ta' 10 ġimgħat.

Il-ħsara diretta totali kkawżata mill-maltempata fit-territorju Franċiż kienet stmata għal madwar EUR 2,5 biljun. Minħabba li din hija anqas mil-limitu ta' EUR 3,467 biljun applikabbli għal Franza fl-2010 l-applikazzjoni Franċiża kienet soġġetta għal eżaminazzjoni taħt il-kriterji eċċezzjonali għal "diżastri reġjonali straordinarji". Sabiex jiġu sodisfatti dawn il-kriterji l-awtoritajiet Franċiżi għażlu li jllimitaw l-ambitu tal-applikazzjoni tagħhom għaż-żona l-aktar affettwata u ressqu applikazzjoni li ffokat fuq żona waħda koerenti fuq il-kosta tal-punent ta' Franza li sofriet l-aktar danni mill-maltempata, stmata għal EUR 1,425 biljun. Dan l-ammont jirrappreżenta 41,12% tal-limitu minimu normali għal intervent tal-Fond.

Iż-żona li tikkostitwixxi s-suġġett tal-applikazzjoni tikkonsisti minn 10 muniċipalitajiet fir-reġjun Vendée u 36 muniċipalità u 2 muniċipalitajiet parzjali fir-reġjun Charente-Maritime. Din iż-żona ġarrbet għargħar gravi wara maltempata qawwija. L-awtoritajiet Franċiżi stmax li iktar minn 1 500 dar ikollhom jinqerdu minħabba l-iskala tal-ħsara strutturali. Barra minn hekk, l-għargħar fuq medda ta' 14 956 ettaru ta' art kultivabbli kkawżaw telf kbir u ħsara fuq l-uċuħ tar-raba' minħabba depożiti tas-sodju fil-ħamrija. L-attività ekonomika li tiddependi fuq iż-żona kostali, partikolarment it-turiżmu u t-trobbija tal-gajdri, wkoll batiet bħala riżultat tal-ħsara kbira ambjentali u strutturali.

Il-Kummissjoni għalhekk ikkunsidrat li l-applikazzjoni Franċiża ssodisfat il-kriterji eċċezzjonali għal "diżastri reġjonali straordinarji" u fid-29 ta' Settembru 2010 ddeċidiet li tipproponi għajjnuna lil Franza li tammonta għal EUR 35 635 750. Il-proċedura ta' emenda korrispondenti tal-baġit ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-15 ta' Diċembru 2010. Wara l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni ma' Franza, il-Kummissjoni ħallset l-għotja fl-14 ta' Marzu 2011.

Is-Slovakkja (għargħar)

Fid-9 ta' Mejju 2010, parti kbira tas-Slovakkja ċentrali u tal-lvant ġiet mgħarrqa wara perjodu twil ta' xita qawwija⁴. L-awtoritajiet Slovakkji applikaw għall-għajjnuna mill-Fond ta' Solidarjetà fis-16 ta' Lulju 2010, fi żmien il-perjodu ta' 10 ġimgħat li fih għandhom isiru l-applikazzjonijiet. Fis-27 ta' Settembru 2010 l-awtoritajiet Slovakkji ppreżentaw lill-Kummissjoni aktar dettalji inkluż aġġornament tal-estimi tagħhom tad-danni totali.

⁴ Din il-kondizzjoni meteoroloġika affettwat partijiet kbar fiċ-ċentru u fil-lvant tal-Ewropa matul Mejju u Ġunju tal-2010 u wasslet għal applikazzjonijiet għall-Fond ta' Solidarjetà minn ħames pajjiżi: is-Slovakkja, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u l-Kroazja.

L-għargħar ikkawżaw ħsarat kbar lit-toroq, djar u prodotti agrikoli. 45 895 abitazzjoni domestika ġew milquta mill-għargħar u 306 abitazzjoni domestika ġew affettwati minn valangi tat-tajn. In-netwerk tat-trasport fir-reġjun kien ukoll partikolarment milqut mill-għargħar.

L-awtoritajiet Slovakki stmax id-dannu dirett totali għal EUR 561,134 miljun. Dan l-ammont jirrappreżenta 0,89% tad-DNG tas-Slovakkja u jirrappreżenta 148,37% tal-limitu minimu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà applikabbli għas-Slovakkja fl-2010 ta' EUR 378,205 miljun. Għalhekk, l-applikazzjoni Slovacka kwalifikat bħala "diżastru naturali maġġuri". Għalhekk fil-15 ta' Diċembru 2010 il-Kummissjoni ddeċiediet li taççetta l-applikazzjoni u pproponiet li tagħti għajnuna lis-Slovakkja li tammonta għal EUR 20 430 841. Il-proposta korrispondenti li temenda l-baġit saret fil-bidu ta' Jannar 2011.

Il-Polonja (għargħar)

Il-Polonja ġarrbet żewġ mewġiet interkonnessi ta' għargħar f' Mejju u Ġunju 2010 li kienu kkawżati minn perjodu eçcezzjonali ta' xita qalila. L-ewwel ħsara kkawżata minn dawn l-għargħar kienet reġistrata fl-14 ta' Mejju 2010. L-awtoritajiet Pollakki ressqu applikazzjoni għall-Fond ta' Solidarjetà fit-23 ta' Lulju 2010, fi żmien il-perjodu ta' għaxar (10) ġimġhat li fih jiġu aċċettati l-applikazzjonijiet.

L-għargħar ikkawżaw dannu sinifikanti, prinċipalment madwar ix-xmara Vistula u Odra. 266 000 ruħ ġew affettwati mill-għargħar, inklużi 31 000 li ġew evakwati minn djarhom. Saru wkoll ħsarat mifruxa lin-negozji, l-agrikoltura u l-infrastruttura pubblika. Sabiex tlaħħaq mal-iskala tad-diżastru, il-Polonja talbet ukoll assistenza mill-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili Ewropew.

Il-ħsara diretta totali ġiet stmata għal EUR 2,998 biljun li tirrappreżenta 0,846% tad-DNG Pollakk u taqbeż sewwa l-limitu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà applikabbli għall-Polonja fl-2010 ta' EUR 2,124 biljun. L-applikazzjoni tal-Polonja għalhekk issodisfat il-limitu minimu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond u ġiet trattata bħala "diżastru naturali maġġuri". Għalhekk fil-15 ta' Diċembru 2010 il-Kummissjoni ddeċiediet li taççetta l-applikazzjoni u pproponiet li tagħti għajnuna lill-Polonja li tammonta għal EUR 105 567 155. Il-proposta korrispondenti li temenda l-baġit saret fil-bidu ta' Jannar 2011.

Ir-Repubblika Ċeka (għargħar)

Ir-Repubblika Ċeka ressqet applikazzjoni għal għajnuna finanzjarja taħt il-kriterju "pajjiż ġar" wara li ġarrbet għargħar relatati għall-istess fenomenu meteoroloġiku li kkawża diżastri maġġuri fis-Slovakkja u fil-Polonja matul Mejju tal-2010. L-awtoritajiet Ċeki rrappurtaw ħsara mill-għargħar li bdew fit-18 ta' Mejju 2010 u sottomettew l-applikazzjoni tagħhom fit-23 ta' Lulju 2010, fi żmien il-perjodu ta' 10 ġimġhat.

Il-kriterju ta' "pajjiż ġar" jippermetti lill-pajjiżi li sofrew mill-istess diżastru ta' pajjiż ġar li jkun ġie rikonoxxut bħala diżastru maġġuri li japplikaw għall-għajnuna, anke jekk l-ammont ta' ħsara huwa taħt il-limitu normali. Fil-każ tar-Repubblika Ċeka, l-għargħar ikkawżaw ħsara f'erba' reġjuni fit-tramuntana u fil-lvant tal-pajjiż. Aktar

minn żewġ miljun abitanti ta' dawn ir-reġjuni ġew milquta mill-ġhargħar minħabba ħsara strutturali lid-djar, telf ta' proprjetà privata, telf ta' servizzi essenzjali u dannu lill-ekonomija lokali. Elf (1 000) ruħ ġew evakwati minn darhom.

Il-ħsara totali diretta kkawżata mill-ġhargħar ammontat għal EUR 204,456 miljun. Filwaqt li dan jikkostitwixxi biss 0,15% tad-DNG Ċek, jew 24,81% tal-limitu minimu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà fir-Repubblika Ċeka fl-2010 li kien ta' EUR 824,029 miljun, l-applikazzjoni ssodisfat il-kriterju ta' pajjiż ġar minħabba li kemm l-applikazzjonijiet tal-Polonja kif ukoll tas-Slovakkja ġew aċċettati bħala "diżastri maġġuri".

Għalhekk fil-15 ta' Diċembru 2010 il-Kummissjoni ddeċidiet li taċċetta l-applikazzjoni Ċeka u pproponiet li tagħti għajna li tammonta għal EUR 5 111 401. Il-proposta korrispondenti li temenda l-baġit saret fil-bidu ta' Jannar 2011.

L-Ungerija (għargħar)

Bħala riżultat ta' xahar ta' xita li kważi ma qatgħet xejn f'Mejju u Ġunju tal-2010 kien hemm għargħar gravi fl-Ungerija li kkawżaw għargħar qawwija u ħsara fil-baċir tad-Danubju u fil-grigal tal-pajjiż. L-awtoritajiet Ungeriżi ssottomettew l-applikazzjoni tagħhom għall-assistenza għall-Fond ta' Solidarjetà fl-24 ta' Lulju 2010, fi żmien il-perjodu ta' 10 ġimgħat. L-applikazzjoni Ungeriża tat dettalji dwar id-dannu estensiv li sar lill-infrastruttura, minħabba li għerqu t-toroq u kien hemm 612-il inċident separat ta' ħsara lin-netwerk ferrovjarju tal-Ungerija. L-ekonomija, partikolarment fiż-żoni rurali, sofriet minħabba l-ġhargħar u l-maltempati bis-silġ, fejn madwar 145 000 ettaru ta' art ma setgħetx tintuża. L-operazzjoni ta' salvataġġ kienet teħtieġ l-evakwazzjoni ta' 5 259 persuna.

L-awtoritajiet Ungeriżi rrappurtaw danni diretti totali ta' EUR 719,343 miljun, li jirrappreżentaw 0,73% tad-DNG Ungeriż u jirrappreżentaw 121,78% tal-limitu minimu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà applikabbli għall-Ungerija fl-2010 li kien ta' EUR 590,710 miljun. Peress li d-danni kienu ogħla mill-limitu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond, l-applikazzjoni kwalifikat bħala "diżastri naturali maġġuri". Il-Kummissjoni aċċettat l-applikazzjoni tal-Ungerija fil-15 ta' Diċembru 2010 u proponiet li tagħti għajna ta' EUR 22 485 772 lill-Ungerija. Il-proposta korrispondenti li temenda l-baġit saret fil-bidu ta' Jannar 2011.

Il-Kroazja (għargħar)

Ir-reġjuni ċentrali tal-lvant tal-Kroazja kienu vittmi tal-istess kondizzjonijiet meteoroloġiċi li kkawżaw id-diżastri tal-ġhargħar fl-Ungerija bejn Mejju u Ġunju 2010. Bħala ġar tal-Ungerija, il-Kroazja setgħet tissottometti applikazzjoni għal għajna finanzjarja mill-Fond ta' Solidarjetà taħt il-kriterju ta' "pajjiż ġar". Wara li sofriet l-ewwel ħsarat fil-31 ta' Mejju 2010, l-awtoritajiet Kroati ressqu applikazzjoni fid-9 ta' Awwissu 2010, fi żmien il-perjodu ta' 10 ġimgħat.

L-ġhargħar u l-maltempati tas-silġ rriżultaw fi ħsara sinifikanti lil 687 dar, danni lill-provvisti tal-ilma, toroq blukkati fil-livell lokali u dak reġjonali, u l-evakwazzjoni ta' 112-il familja minn djarhom. Il-ħsara totali diretta għet ikkalkulata għal EUR 153 039 miljun, li tirrappreżenta 55,49% tal-limitu minimu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà fil-Kroazja fl-2010 li kien ta' EUR 275,804 miljun. Minħabba li l-istess fenomenu kkwalfika bħala diżastri maġġuri fl-Ungerija, l-applikazzjoni

Kroata ġiet aċċettata taħt il-kriterju ta' "pajjiż ġar". Il-Kummissjoni fil-15 ta' Diċembru 2010 għalhekk iddeċidiet li tagħti għajjnuna finanzjarja ta' EUR 3 825 983 lill-Kroazja. Il-proposta korrispondenti li temenda l-baġit saret fil-bidu ta' Jannar 2011.

Ir-Rumanija (għargħar)

Fit-23 ta' Ġunju 2010 beda perjodu ta' għargħar u valangi tal-ħamrija li affettwa l-parti l-kbira tar-reġjuni tar-Rumanija u kkawża ħsarat kbar madwar il-pajjiż. L-awtoritajiet Rumeni sottomettew applikazzjoni għal għajjnuna finanzjarja mill-Fond ta' Solidarjetà fil-31 ta' Awwissu 2010, fi ħdan il-perjodu ta' 10 ġimgħat biex isiru l-applikazzjonijiet.

L-għargħar Rumeni affettwaw total ta' 6,7 miljun ruħ, inkluż 15 000 persuna li kellhom jiġu evakwati minn djarhom. Kien hemm ħsarat u interruzzjonijiet sinifikanti fuq in-netwerk tat-toroq, fejn ġew affettwati 5 257 km ta' netwerks ta' toroq, filwaqt li infrastruttura oħra bħal dik tal-ilma u il-faċilitajiet tad-dranaġġ ukoll sofrew danni serji. L-għargħar ikkawżaw ukoll ħsara lill-ekonomija Rumena, b'110 585 ettaru ta' art agrikola u 8 222 ettaru ta' foresta li ma setgħux jintużaw minħabba l-għargħar. Il-ħsara diretta totali ġiet stmata mill-awtoritajiet Rumeni għal EUR 875,758 miljun. Dan l-ammont jirrappreżenta 0,67% tad-DNG tar-Rumanija u jaqbeż il-limitu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà li huwa ta' EUR 787,935 miljun. Bħala konsegwenza l-applikazzjoni Rumena kwalifikat bħala "diżastru naturali maġġuri". Il-Kummissjoni aċċettat l-applikazzjoni tar-Rumanija fil-15 ta' Diċembru 2010 u proponiet għajjnuna li tammonta għal EUR 24 967 741. Il-proposta korrispondenti li temenda l-baġit saret fil-bidu ta' Jannar 2011.

Applikazzjonijiet Pendenti

Fl-2010 waslu total ta' 17-il applikazzjoni. Minħabba li uħud minn dawn l-applikazzjonijiet waslu lejn l-aħħar tas-sena il-valutazzjoni tagħhom komplet fl-2011. Dawn kienu applikazzjonijiet minn Franza (għargħar f'Var), ir-Repubblika Ċeka (għargħar tal-ħarifa), il-Ġermanja (l-għargħar f'Sachsen), il-Kroazja u s-Slovenja (l-għargħar ta' Settembru), u l-Ungerija (meta nfirxet il-ħama ħamra). Dawn l-applikazzjonijiet se jiġu indirizzati kompletament fir-Rapport Annwali tal-2011 tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

4. IL-FINANZJAMENT

Fl-2010, ingħatat għotja mill-Fond ta' Solidarjetà għal każ wieħed li l-applikazzjoni tiegħu kienet waslet f'Jannar tal-2010 (għargħar fl-Irlanda). L-Abbozz Preliminari tal-Baġit Emendatorju Nru 7/2010⁵ korrispondenti kien approvat mill-Awtorità tal-Baġit fit-24 ta' Novembru 2010.

⁵ L-Abbozz tal-baġit Emendatorju Nru 8 għall-baġit tal-2010 ġie nnumerat mill-ġdid u adottat bħala l-baġit emendatorju Nru 7 mill-Parlament Ewropew fl-24.11.2010 mingħajr ebda modifika. COM(2010)533, ĠU L 50 tal-24.2.2011.

Għal żewġ applikazzjonijiet oħra li waslu fl-2010, ġie mobilizzat ukoll il-Fond. Abbozz Preliminari tal-Baġit Emendatorju Nru 8/2010⁶ jkopri l-għargħar li laqtu l-Portugall (għargħar f'Madeira) u Franza (il-maltempata Xynthia) u ġie approvat mill-Awtorità Baġitarja fil-15 ta' Diċembru 2010. Il-ħlasijiet saru fil-bidu tal-2011 wara l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' għotja u wara li ġew iffirmati il-ftehimiet ta' implimentazzjoni.

Stat Benefiċjarju	Id-Diżastru	Kategorija	L-ammont mogħti (EUR)
L-Irlanda	Għargħar (Novembru 2009)	reġjonali	13 022 500
Il-Portugall	Għargħar f'Madeira	maġġuri	31 255 790
Franza	Il-maltempata Xynthia	reġjonali	35 635 750
Total			79 914 040

5. IL-MONITORAĠĠ

L-Italja (It-Terremot ta' Abruzzo)

Il-Kummissjoni wettqet żjara ta' monitoraġġ fl-Aquila u f'Ruma mill-11 sat-13 ta' April 2010 sabiex tiġi infurmata dwar is-sistemi mdaħħla fis-seħħ mill-awtoritajiet Taljani biex jimplimentaw l-għotja tal-Fond ta' Solidarjetà ta' EUR 493,8 miljun wara t-terremot ta' April 2009. It-terremot ta' Aquila fir-Reġjun Taljan ta' Abruzzo kien l-akbar diżastru mill-ħolqien tal-Fond lil hawn u sussegwentament wassal għall-akbar għotja qatt mogħtija li tlaħħaq għal kważi nofs biljun Ewro⁷.

Il-Kummissjoni staqsiet partikolarment dwar allegazzjonijiet li saru fil-media dwar involviment possibbli tad-Dipartiment Nazzjonali tal-Protezzjoni Ċivili firregolaritajiet dwar l-għoti tal-kuntratti relatati max-xogħlijiet tar-rikostruzzjoni fl-Aquila iżda ma sabet l-ebda evidenza biex tissostanzja dawn l-allegazzjonijiet.

Iż-żjara kienet milqugħa mill-awtoritajiet Taljani li pprovdew biżżejjed informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni tal-għotja tal-Fond ta' Solidarjetà u tas-sistema fis-seħħ sabiex tiggarrantixxi r-regolarità u l-legalità tan-nefqa. Min-naħa tal-Kummissjoni, iż-żjara pprovdiet assigurazzjonijiet dwar il-funzjonament tas-sistemi implimentati u l-progress li sar. Mill-informazzjoni li waslet, l-għotja tal-Fond ta' Solidarjetà intużat b'mod effiċjenti u ttrispetta r-regoli imposti mir-Regolament tal-Fond ta' Solidarjetà, id-deċiżjoni ta' għotja u l-ftehim ta' implimentazzjoni. Din l-impressjoni ġiet kkonfermata mir-rapport ta' implimentazzjoni sottomess mill-awtoritajiet Taljani kmieni fl-2011.

⁶ L-Abbozz tal-Baġit Emendatorju Nru 9 għall-baġit 2010 ġie nnumerat mill-ġdid u adottat bħala l-baġit emendatorju Nru 8 mill-Parlament Ewropew fil-15.12.2010 mingħajr ebda modifika. COM(2010) 577; ĠU L 50 tal-24.2.2011.

⁷ Informazzjoni ddettaljata tinsab fir-Rapport Annwali tal-2009 tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, COM(2011)136 tat-23.03.2011.

Franza (il-maltempata Klaus)

Il-Kummissjoni wettqet żjara ta' monitoraġġ fi Franza fil-15 ta' Ġunju 2010 sabiex tiġi infurmata dwar is-sistemi mdaħħla fis-seħħ mill-awtoritajiet Franċiżi biex jimplimentaw l-għotja tal-Fond ta' Solidarjetà ta' EUR 109,4 miljun wara l-maltempata Klaus li laqtet serjament ir-reġjun ta' Aquitaine, il-Pirinej tan-Nofsinhar u Languedoc-Roussillon f'Jannar 2009. Il-maltempata Klaus fil-lbiċ ta' Franza kienet diżastru ieħor maġġuri bi hsrat konsiderevolment oġhla mill-medja.

Bħal f'okkażjonijiet preċedenti, dawn iż-żjarat intlaqgħu tajjeb mill-awtoritajiet ikkonċernati u pprovdew opportunità biex jiġu ċċarati ċerti kwistjonijiet tekniċi bħal dawk li jinvolvu l-eliġibilità tan-nefqa, l-iskadenza għall-użu tal-għotja u kwistjonijiet ta' kontroll. Iż-żjara tat ukoll iċ-ċans lill-Kummissjoni biex tieġu impressjoni tal-valur miżjud tal-Fond ta' Solidarjetà u biex tiġbor informazzjoni dwar is-sistemi ta' implimentazzjoni.

6. L-GĦELUQ

L-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Fond ta' Solidarjetà jistipula li mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-iskadenza tal-perjodu ta' sena mid-data tal-ħlas tal-għotja, l-Istat beneficijarju għandu jippreżenta rapport dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-għotja (minn hawn 'il quddiem: "rapport ta' implimentazzjoni") bi sqarrija li tiġġustifika n-nefqa (minn hawn 'il quddiem: "sqarrija ta' validità"). Fi tmiem din il-proċedura, il-Kummissjoni għandha tagħlaq l-assistenza mill-Fond.

Matul l-2010, ingħalqu erba' fajls tal-Fond ta' Solidarjetà.

- (1) Dwar l-għeluq tal-assistenza fil-każ relatat mal-maltempata tar-riħ fis-**Slovakkja** fl-2005, li għaliha ngħatat għajnuna finanzjarja ta' EUR 5 667 578, ir-rapport ta' implimentazzjoni wasal fid-9 ta' Mejju 2007. Bħala riżultat tal-iżball fir-rata tal-kambju użata mill-awtoritajiet Slovakkji, in-nefqa ddikjarata kienet EUR 34 992,28 anqas mill-ammont mogħti. Sabiex issolvi l-kwistjoni tan-nuqqas ta' nefqa minħabba r-rata tal-kambju żbaljata li ntużat, il-Kummissjoni pproponiet li s-Slovakkja għandha tiddikjara nefqa ulterjuri biex tkopri d-differenza. F'Marzu 2010, l-awtoritajiet Slovakkji ddikjaraw nefqa ulterjuri li nstabet li hija eliġibbli taħt it-termini tar-Regolament, id-Deċiżjoni tal-Għotja u l-Ftehim ta' Implimentazzjoni. Il-Kummissjoni għalqet il-fajl f'Mejju 2010.
- (2) Fil-każ dwar id-diżastru tal-għargħar fil-**Bulgarija** ta' Awwissu 2005, ngħatat għajnuna finanzjarja li tammonta għal EUR 10 632 185 u r-rapport ta' implimentazzjoni wasal fis-17 ta' Jannar 2008. L-awtoritajiet Bulgariji fl-istqarrija ta' validità tagħhom iddikjaraw li n-nefqa kienet EUR 35 090 anqas mill-ammont mogħti. Barra minn hekk, ix-xogħol ta' awditjar mill-awtoritajiet Bulgariji żvela nefqa ineliġibbli ta' EUR 8 476. Konsegwentement, u bi ftehim mal-awtoritajiet Bulgariji, il-Kummissjoni bdiet proċedura ta' rkupru u l-ammont ta' EUR 43 566 ġie rkuprat mingħand l-awtoritajiet Bulgariji fid-29 ta' Diċembru 2008. Aktar analiżi u valutazzjoni mill-Kummissjoni tlestew fir-rebbiegħa tal-2010. Il-Kummissjoni għalqet il-każ f'Mejju 2010.

- (3) Fir-rigward tad-diżastru kkawżat mill-maltempata tar-riħ fil-**Latvja** f'Jannar 2005, għotja ta' EUR 9 487 180 tħallset lill-awtoritajiet Latviani. Ir-rapport dwar l-implimentazzjoni wasal għand il-Kummissjoni fil-5 ta' Novembru 2007. L-awtoritajiet Latviani ddikjaraw nefqa ta' EUR 114 458,80 bħala mhux użat u ineliġibbli. Sabiex titlesta l-valutazzjoni, il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni mingħand l-awtoritajiet Latviani. Ġie miftiehem li jiġi rkuprat l-ammont ta' EUR 114 458,80. Il-Kummissjoni bdiet il-proċedura ta' rkupru u l-ammont wasal għand il-Kummissjoni f'Awwissu 2010.
- (4) Ir-raba' fajl ta' għeluq kien jikkonċerna d-diżastru tal-għargħar fl-**Awstrija** f'Awwissu 2005, li għalih kienet ingħatat għajnuna finanzjarja ta' EUR 14 798 589 u kien wasal rapport dwar l-implimentazzjoni fit-12 ta' Frar 2008. Wara valutazzjoni bir-reqqa mis-servizzi tal-Kummissjoni, kien hemm bżonn li tintalab aktar informazzjoni rigward l-istqarrija ta' validità. L-awtoritajiet Awstrijaki pprovdew din l-informazzjoni addizzjonali u, peress li ma nstabu ebda irregolaritajiet, il-Kummissjoni għalqet il-fajl f'Diċembru 2010.

Fl-2010, il-Kummissjoni rċeviet rapporti finali dwar l-implimentazzjoni għal għotjiet li saru fl-2008 mir-Renju Unit (għargħar), Franza (tempesti f'Dean/Antilles), il-Greċja (nirien forestali) u s-Slovenja (għargħar). Fl-aħħar tal-perjodu kopert minn dan ir-rapport annwali kienet għadha għaddejja l-valutazzjoni ta' dawn ir-rapporti ta' implimentazzjoni.

7. IL-KONKLUŻJONIJIET

L-operazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà fl-2010 għal darb'oħra kkonfermat l-esperjenza miksuba fis-snin preċedenti. Din tista' titqassar kif ġej:

- Għal diżastri maġġuri bi ħsarat li jaqbżu l-limitu minimu - relattivament għoli - l-Fond ta' Solidarjetà jaħdem b'mod pjuttost sodisfaċenti. Il-kriterji huma ċari u sempliċi biex jiġu valutati, il-pajjiżi normalment ma jkollhomx diffikultajiet biex jippreparaw applikazzjoni. Ir-rata ta' suċċess għadha 100%.
- B'kuntrast, l-applikazzjonijiet għal diżastri iżgħar preżentati taħt ir-regoli eċċezzjonali msejħa diżastri reġjonali straordinarji jippreżentaw diffikultajiet serji partikolarment minħabba li l-kriterji stabbiliti fir-Regolament jidhru li huma kkumplikati u ftit li xejn ċari. L-obbligu għall-istati li jiddefinixxu fl-applikazzjoni tagħhom ir-reġjun milqut bħala żona koerenti unika li fiha trid tkun affettwata l-maġġoranza tal-popolazzjoni spiss ma tirriflettix ir-realtà. F'ħafna każijiet anki diżastri reġjonali jolqtu żoni li mhumiex marbuta ġeografikament (pereżempju għargħar f'diversi baċiri tax-xmajjar) li tirrendi d-definizzjoni ta' żona koerenti unika diffiċli. Barra minn hekk, li turi effetti serji u fit-tul fuq l-istabbiltà ekonomika tar-reġjun milqut jidher li huwa eżerċizzju pjuttost spekulattiv, ekonomikament mhux sod ħafna u f'kull każ jinvolvi ħafna xogħol, u huwa diffiċli biex jiġi stmat, speċjalment għal żoni iżgħar. Sa issa madwar żewġ terzi tal-applikazzjonijiet ippreżentati taħt din ir-regola ma jiġux aċċettati minħabba li ma jissodisfawx il-kriterji.

- Ġeneralment qed jinħass li l-Fond għandu juri rispons aħjar u l-għajnuna għandha ssir disponibbli aktar malajr. Filwaqt li tabilħaqq il-Fond qatt ma nħoloq bħala strument ta' emerġenza huwa leġittimu li wieħed jistenna li l-għajnuna finanzjarja tkun disponibbli mill-aktar fis possibbli. Dewmien li jista' saħansitra jkun ta' sena, b'mod ċar huwa twil wisq.

Taħt ir-regoli tar-Regolament tal-Fond ta' Solidarjeta kurrenti ftit li xejn hemm kamp ta' applikazzjoni biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet (u xi oħrajn). L-ewwel tentattiv mill-Kummissjoni fl-2005 sabiex ittejjeb il-funzjonament tal-Fond billi jiġi propost Regolament ġdid dwar il-Fond ta' Solidarjeta kien milqugħ tajjeb mill-Parlament Ewropew iżda ma sabx appoġġ fost l-Istati Membri.

Il-Kummissjoni għalhekk għażlet strateġija ġdida u fis-6 ta' Ottubru 2011 preżentat Komunikazzjoni dwar il-Futur tal-Fond ta' Solidarjeta⁸. Din il-Komunikazzjoni tanalizza l-funzjonament tal-Fond f'aktar dettal, tenfasizza kwistjonijiet u tippreżenta soluzzjonijiet possibbli. Hija maħsuba biex tiddiskuti l-Komunikazzjoni mal-partijiet interessati, partikolarment mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u r-reġjuni. Fittieni stadju u skont ir-riżultat tad-diskussjonijiet, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva biex taġġusta u ttejjeb ir-Regolament attwali.

⁸ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni: Il-Futur tal-Fond ta' Solidarjeta tal-Unjoni Ewropea, COM(2011) 613 finali tas-6.10.2011.

**ANNEX 1: LIMITI MINIMI GĦAL DIŻASTRI KBAR APPLIKABBLI FL-2010
(IBBAŻATI FUQ IĊ-ĊIFRI TAL-2008 GĦAD-DĦUL NAZZJONALI GROSS)**

(Miljun €)

Il-pajjiż		DNG 2008*	0.6 % tal-DNG*	Limitu minimu ta' diżastru maġġuri 2010*
AT	ÖSTERREICH	277 386	1 664.317	1 664.317
BE	BELGIË/BELGIQUE	346 971	2 081.826	2 081.826
BG	BULGARIA	33 613	201.680	201.680
CY	KYPROS	16 125	96.749	96.749
CZ	ČESKÁ REPUBLIKA	137 338	824.029	824.029
DE	DEUTSCHLAND	2 536 990	15 221.940	3 466.573**
DK	DANMARK	236 286	1 417.714	1 417.714
EE	EESTI	15 104	90.623	90.623
EL	ELLADA	231 285	1 387.712	1 387.712
ES	ESPAÑA	1 060 554	6 363.324	3 466.573**
FI	SUOMI/FINLAND	184 311	1 105.866	1 105.866
FR	FRANCE	1 963 018	11 778.108	3 466.573**
HU	MAGYARORSZÁG	98 452	590.710	590.710
IE	ÉIRE/IRELAND	155 909	935.456	935.456
IT	ITALIA	1 548 138	9 288.830	3 466.573**
LT	LIETUVA	31 216	187.296	187.296
LU	LUXEMBOURG (G.D.)	29 716	178.294	178.294
LV	LATVIJA	22 812	136.874	136.874
MT	MALTA	5 513	33.077	33.077
NL	NEDERLAND	580 214	3 481.284	3 466.573**
PL	POLSKA	354 153	2 124.920	2 124.920
PT	PORTUGAL	159 734	958.406	958.406
RO	ROMÂNIA	131 323	787.935	787.935
SE	SVERIGE	339 519	2 037.115	2 037.115

SI	SLOVENIJA	36 278	217.669	217.669
SK	SLOVENSKO	63 034	378.205	378.205
UK	UNITED KINGDOM	1 854 711	11 128.264	3 466.573**
TR	TÜRKIYE	373 991	2 243.944	2 243.944
HR	HRVATSKA	45 967	275.804	275.804

Il-limiti minimi huma definiti bħala dawk aktar baxxi minn 0,6% tad-DNG jew EUR 3 biljun fi prezzijiet tal-2002.

*Ċifri mqarrba

** ~ € 3 biljun fi prezzijiet tal-2002

ANNEX 2: FOND TA' SOLIDARJETÀ TAL-UNJONI EWROPEA APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI MILL-2009 U APPLIKAZZJONIJIET ĠODDA DEĊIŻI FL-2010⁹

Il-pajjiż applikant	Il-Greċja	Ċipru	Il-Greċja	L-Italja	L-Irlanda	L-Italja	Spanja	Il-Portugall
L-isem u n-natura tad-diżastru	Nirien f'Attica	Maltempata	L-għargħar ta' Evia	Il-valanga ta' tajn f'Messina	Għargħar	L-għargħar tat-Toskana	Għargħar f'Andalucía	Għargħar f'Madeira
Id-data tal-ewwel ħsara	21/08/09	18/09/09	12/09/09	1/10/09	19/11/09	25/12/09	09/02/10	20/02/10
Data tal-applikazzjoni	27/10/09	6/11/09	17/11/09	7/12/09	27/01/10	4/03/10	19/04/10	20/04/10
It-tagħrif komplet disponibbli fi	27/10/09	6/11/09	17/11/09	7/12/09	15/06/10	4/03/10	19/04/10	15/07/10
Il-limitu minimu ta' diżastru maġġuri (EUR m)	1330.03	88.55	1330.03	3398.60	935.45	3466.57	3466.57	958.41
il-ħsara diretta totali (EUR m)	152.77	2.61	83.23	598.94	520.9	211.7	709.74	1080
Il-kategorija	reġjonali	reġjonali	reġjonali	reġjonali	reġjonali	reġjonali	reġjonali	maġġuri
Il-ħsara/il-limitu minimu	11.49%	2.95%	6.26%	17.62%	55.68%	6.11%	20.47%	112.69%
Il-kost ta' attivitajiet eliġibbli ta' emerġenza (EUR m)	47.08	0.21	50.66	48.94	111.5	56.61	79.42	165.24
Il-kost eliġibbli/ ħsara totali	30.82%	7.85%	60.87%	8.17%	21.41%	26.74%	11.19%	15.3%
L-ghajjnuna/il-kost eliġibbli	-	-	-	-	11.68%	-	-	18.92%
Rata tal-ghajjnuna (% tal-ħsara totali)	-	-	-	-	2.5%	-	-	2.89%
Id-data tad-Deċiżjoni tal-Għotja	rifjutata	rifjutata	rifjutata	rifjutata	8/12/10	rifjutata	rifjutata	13/01/2011

⁹ Aktar applikazzjonijiet waslu minn CZ (għargħar ta' Awwissu), DE (Għargħar f'Sachsen), HR (Għargħar ta' Settembru), u HU (meta nfirxet il-ħama ħamra). Dawn kienu deċiżi biss fl-2011 u se jiġu koperti fir-Rapport Annwali tal-2011.

Id-data tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni	-	-	-	-	17/12/10	-	-	
L-ghajjnuna mogħtija (EUR)	-	-	-	-	13 022 500	-	-	31 255 790

Il-pajjiż applikant	Franza	Is-Slovakkja	Il-Polonja	Ir-Repubblika Ċeka	L-Ungerija	Il-Kroazja	Ir-Rumanija
L-isem u n-natura tad-diżastru	Il-maltempata Xynthia	Għargħar	Għargħar	Għargħar	Għargħar	Għargħar	Għargħar
Id-data tal-ewwel ħsara	27/02/10	09/05/10	14/05/10	18/05/10	15/05/10	31/05/10	23/06/10
Id-data tal-applikazzjoni	07/05/10	16/07/10	23/07/10	23/07/10	24/07/10	9/08/10	31/08/10
It-tagħrif komplet disponibbli fi	07/05/10	27/09/10	23/07/10	23/07/10	24/07/10	9/08/10	31/08/10
Il-limitu minimu ta' diżastru maġġuri (EUR m)	3466.57	378.21	2124.92	824.03	590.71	275.8	787.94
Il-ħsara diretta totali (EUR m)	1425.43	561.13	2998.99	204.46	719.34	153.04	875.76
Il-kategorija	reġjonali	maġġuri	maġġuri	ġirien	maġġuri	ġirien	maġġuri
Il-ħsara/il-limitu minimu	41.12%	148.37%	141.13%	24.81%	121.78%	55.49%	111.15%
Il-kost ta' attivitajiet eliġibbli ta' emerġenza (EUR m)	473.84	78.42	2195.66	136.95	194.2	11.67	715.03
Il-kost eliġibbli/ ħsara totali	33.24%	13.98%	73.21%	66.98%	27%	7.63%	81.65%
L-ghajjnuna/il-kost eliġibbli	7.52%	26.05%	4.81%	3.73%	11.58%	32.78%	3.49%
Ir-Rata tal-ghajjnuna (% tal-ħsara totali)	2.5%	3.64%	3.52%	2.5%	3.13%	2.5%	2.85%
Id-data tad-Deċiżjoni tal-Għotja	14/01/11	2011	2011	2011	2011	2011	2011
Id-data tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni	10/02/11	2011	2011	2011	2011	2011	2011
L-ghajjnuna mogħtija (EUR)	35 635 750	20 430 841	105 567 155	5 111 401	22 485 772	3 825 983	24 967 741

ANNEX 3: L-APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-FOND TA' SOLIDARJETÀ TAL-UE MILL-2002 'IL HAWN

Sena	Il-pajjiż		In-natura tad-diżastru	Il-ħsara (EUR miljun)	Il-kategorija	L-ghajjnuna mogħtija (EUR miljun)
2002	1	AT	Għargħar	2 900	maġġuri	134
	2	CZ	Għargħar	2 300	maġġuri	129
	3	FR	Għargħar (Le Gard)	835	reġjonali	21
	4	DE	Għargħar	9 100	maġġuri	444
L-ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet tal-2002						728
2003	1	ES	Tixrid ta' żejt fil-baħar (Prestige)	436	reġjonali	8.626
	2	IT	Terremot (Molise/Apulia)	1 558	reġjonali	30.826
	3	IT	Eruzzjoni vulkanika (Etna)	894	reġjonali	16.798
	4	IT	Ghargħar (It-Tramuntana tal-Italja)	(1 900)	(maġġuri)	Miċhuda
	5	GR	Temp xitwi kiefer	(mhux ċara)	(maġġuri ?)	Miċħuda
	6	PT	Nirien fil-foresti	1 228	maġġuri	48.539
	7	FR	Nirien fil-foresti (in-Nofsinar ta' Franza)	531	(reġjonali)	Miċħuda
	8	ES	Nirien fil-foresti (fruntiera mal-Portugall)	53	pajjiż ġar	1.331
	9	MT	Għargħar	30	maġġuri	0.961
	10	IT	Ghargħar (Friuli Venezia-Giulia)	(525)	(reġjonali)	Miċhuda
L-ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet tal-2003						107.081
2004	1	FR	Għargħar (id-delta tar-Rhone)	785	reġjonali	19.625
	2	ES	Għargħar (Malaga)	(73)	(reġjonali)	Miċħuda
	3-9	ES	Nirien fil-foresti (7 applikazzjonijiet)	(480)	(reġjonali)	is-seba' applikazzjonijiet (7 ġew kollha miċħuda)
	10	SK	Għargħar	(29)	(reġjonali)	Miċħuda
	11	SI	Terremot	(13)	(reġjonali)	revokata

Sena	Il-pajjiż		In-natura tad-diżastru	Il-ħsara (EUR miljun)	Il-kategorija	L-ghajjnuna mogħtija (EUR miljun)
L-ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet tal-2004						19.625
2005	1	SK	Maltempata (Tatras)	203	maġġuri	5.668
	2	IT	Ghargħar (Sardenja)	(223, sopravalutat)	(reġjonali)	Miċhuda
	3	EE	Maltempata	48	maġġuri	1.29
	4	LV	Maltempata	193	maġġuri	9.487
	5	SE	Il-Maltempata "Gudrun"	2 297	maġġuri	81.725
2005	6	LT	Maltempata	15	pajjiż ġar	0.379
	7	GR	L-għargħar ta' Evros	(112)	(reġjonali)	Miċħuda
	8	RO	Għargħar tar-rebbiegħa	489	maġġuri	18.798
	9	BG	Għargħar tar-rebbiegħa	222	maġġuri	9.722
	10	BG	Għargħar tas-sajf	237	maġġuri	10.632
	11	RO	Għargħar tas-sajf	1 050	maġġuri	52.4
	12	AT	Għargħar (Tyrol/Vorarlberg)	592	reġjonali	14.799
L-ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet tal-2005						204.905
2006	1	UK	Splużjoni fid-depożitu taż-żejt ta' Buncefield	(700)	(reġjonali)	revokata
	2	GR	L-għargħar ta' Evros	372	reġjonali	9.306
	3	HU	Għargħar	519	maġġuri	15.064
	4	ES	Nirien fil-foresti ta' Galicia	(91)	(reġjonali)	Miċħuda
L-ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet tal-2006						24.370
2007	1	DE	Il-maltempata "Kyrill"	4750	maġġuri	166.9
	2	FR	La Réunion, Iċ-ċiklun "Gamede"	211	reġjonali	5.29
	3	ES	L-għargħar ta' El Hierro	(18)	(reġjonali)	Miċħuda
	4	ES	L-għargħar ta' La Mancha	(66)	(reġjonali)	Miċħuda
	5	UK	Għargħar	4 612	maġġuri	162.387
	6	CY	Nirien fil-foresti	(38)	(reġjonali)	Miċħuda
	7	ES	Nirien fil-foresti fil-Gżejjer Kanarji	(144)	(reġjonali)	Miċħuda
	8-	IT	9 applikazzjonijiet għal	-	(reġjonali)	mhux ammissibbli, data ta' skadenza

Sena	Il-pajjiż		In-natura tad-diżastru	Il-ħsara (EUR miljun)	Il-kategorija	L-ghajjnuna mogħtija (EUR miljun)
	16		nirien fil-foresti f'9 reġjuni			maqbuża
	17	FR	Il-maltempata Dean/Martinique	509	reġjonali	12.78
	18	GR	Nirien fil-foresti	2 118	maġġuri	89.769
	19	SI	Għargħar	233	maġġuri	8.254
L-ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet tal-2007						445.380
2 0 0 8	1	CY	Nixfa	165.4	maġġuri	7.605
	2	RO	Għargħar	471.4	reġjonali	11.785
L-ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet tal-2008						19.390

Sena	Il-pajjiż		In-natura tad-diżastru	Il-ħsara (EUR miljun)	Kategorija	L-ghajjnuna mogħtija (EUR miljun)
2009	1	FR	Il-maltempata Klaus	3 805.5	maġġuri	109.377
	2	IT	It-terremot ta' Abruzzo	10 212.0	maġġuri	493.771
	3	GR	Nirien fil-foresti 09	(152.8)	(reġjonali)	Miċħuda
	4	CY	Maltempati 09	(2.6)	(reġjonali)	Miċħuda
	5	GR	L-għargħar ta' Evia	(83.2)	(reġjonali)	Miċħuda
	6	IT	Il-valanga ta' tajn f' Messina	(598.9)	(reġjonali)	Miċħuda
L-ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet tal-2009						603.148
2010	1	IE	L-għargħar 09	520.9	reġjonali	13.022
	2	IT	Gharghar fit-Toskana 09	(211.7)	(reġjonali)	Miċhuda
	3	ES	Għargħar f'Andalusia 10	(709.7)	(reġjonali)	Miċħuda
	4	PT	Għargħar f'Madeira	1 080	maġġuri	31.256
	5	FR	Il-maltempata Xynthia	1 425	reġjonali	35.636
	6	SK	Għargħar 10	649.9	maġġuri	20.431
	7	PL	Għargħar 10	2 993.7	maġġuri	105.567
	8	CZ	Għargħar 10	204.5	ġirien	5.111
	9	HU	Għargħar 10	719.3	maġġuri	22.486
	10	HR	Għargħar 10	153.04	ġirien	3.826
	11	FR	Għargħar f'Var 10	703-778	reġjonali	Pendenti fil-31/12/2010
	12	RO	Għargħar 10	875.75	maġġuri	24.968
	13	CZ	Għargħar ta' Awwissu 10	436.5	reġjonali	Pendenti fil-31/12/2010
	14	DE	Għargħar f'Sachsen 10	937.7	reġjonali	Pendenti fil-31/12/2010
	15	HR	Għargħar ta' Settembru 10	47	ġirien	Pendenti fil-31/12/2010
	16	SI	Għargħar ta' Settembru 10	251.3	maġġuri	Pendenti fil-31/12/2010
	17	HU	Meta nfirxet il-ħama ħamra 10	174.32	reġjonali	Pendenti fil-31/12/2010
L-ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet tal-2010						262.303
Total sħiħ ta' ghajjnuna approvata mill-2002 lil hawn					EUR 2 414.200 miljun	